L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, l-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum **il-Gimgha 4 ta' Settembru, 2020** fid-09:30am fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi ghall-familja.

Deher Dr. Peter Caruana Galizia.

Deher Dr. Miguel De Gabriele ghall-avukat tal-Istat.

Dehru l-familja ta' Daphne Carauna Galizia.

Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi ghall-familja Caruana Galizia pprezentaw nota ta' sottomissjonijiet segwenti l-ittra tal-Prim Ministru fejn estenda t-terminu ghall-konkluzjoni ta' din l-inkjesta sal-15 ta' Dicembru 2020, li qed jigi mmarkat bhala Dok CCX1.

Il-Bord jordna li kopja ta' din in-nota kif ukoll il-verbal maghmul minn Dr. Comodini Cachia jigi komunikat lill-Prim Ministru biex jekk jidhirlu opportun jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu.

B'referenza ghat-talba ta' dan il-Bord sabiex jigi esebit animo ritirandi u b'mod kunfidenzjali l-kuntratt tal-garanzija li l-gvern ta lill-Electrogas, jirrileva li l-Bord

ircieva dan id-dokument fl-original tieghu u wara li jigi ezaminat, u wara li jittiehdu kopji jekk hemm bzonn, jinghata lura lill-Ministeru.

**Alfred Camilleri** xehed bil-Malti u bil-gurament (riprodott) li esebixxa kopja ufficjali ta' dokument – Dok. ACX1 u envelope kontenenti dokumenti Dok. ACX2.

L-inkjesta qieghda tigi differita ghal nhar l-Erbgha 9 ta' Settembru 2020 fid-09:30am.

Margaret De Battista
Deputat Registratur